# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 12**

**Citaz. Nru. 1628/99GV**

Doc. 153-01

**Annunziata sive Nancy Bongailas**

**vs**

**Joseph Bongailas**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi b'decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Annunzjata sive Nancy Bongailas vs Joseph Bongailas (Citazzjoni Numru 931/92 FD) fit-28 ta' Mejju, 1996 (Dokument "A") il-konvenut gie ordnat mill-Onorabbli Qorti sabiex jaghddi l-manteniment fis-somma ta' mija u tletin lira maltija (Lm180) fix-xahar lill-attrici;

Premess illi l-konvenut kien inadempjenti fil-hlas ta' l-imsemmi manteniment ghax-xhur ta' Lulju, Awissu, Settembru, Ottubru, Novembru u Dicembru tas-sena 1998 li flimkien jammontaw ghat-total ta' seba' mija u tmenin lira maltija (Lm780);

Premess illi ghalhekk l-attrici kienet talbet lill-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tohrog mandat ta' qbid kontra l-konvenut mirrikavat tal-bejgh ta' l-istess oggetti maqbuda hija tkun tista' tizbanka dak l-ammont lilha dovut;

Premess illi l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba ta' l-attrici ghall-hrug tal-mandat ta' qbid numru 161/99 (Dokument "B") u l-istess mandat gie ezegwit billi l-Marixxal gabar minghand il-konvenut is-somma ta' seba' mija u tmenin lira maltija (Lm780) minflok qabad il-vettura imsemmija fl-istess mandat,

Premess illi l-Marixxal iddepozita dan l-istess ammont taht l-Awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti bic-cedola ta' depozitu numru 247/99 fl-ismijiet Marixxal Carmel Degiorgio v. Annunzjata Bongailas v. Joseph Bongailas (Dokument "C");

Premess illi b'rikors tat-22 ta' Marzu, 1999 (Dokument "D") l-attrici talbet lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizzaha tizbanka is-somma li fiha hi kreditrici, izda wara li ezaminat ir-risposta talkonvenut (Dokument "E"), b'digriet moghti fis-6 ta' April, 1999 gie deciz illi *"F'dan l-istadju tissoprasjedi sakemm tigi definittivament determinata t-talba ta' Joseph Bongailas fir-rikors tieghu ghar-registrazzjoni tad-decizjoni tas-Sacra Rota Romana"* (Dokument "F");

Premess illi sussegwentement ghal dan id-digriet l-attrici pprezentat rikors (Dokument "G") iehor quddiem l-istess Onorabbli Qorti fejn wara ll ghamlet is-sottomissjonijiet taghha talbet lill-istess Qorti sabiex tawtorizzaha tizbanka l-flus in kwistjoni;

Premess illi b'digriet moghti fis-26 ta' Mejju, 1999 l-Onorabbli Qorti

iddegretat Il *"Fic-cirkustanzi tordna lir-rikorrenti jekk jidrilha tipprocedi skond il-ligi."* (Dokument "H") u ghalhekk l-attrici qeghdha tipprezenta dina c-citazzjoni;

Premess illi fil-pendenza ta' proceduri quddiem l-Onorabbli Qrati ta' Malta l-konvenut ottjena decizjoni mit-Tribunal tas-Sacra Rota datata 20 ta' Marzu, 1998, liema decizjoni ghad ma gietx registrata fil-Qrati ta' Malta;

Premess illi ghalhekk sakemm jigu decizi dawk il-proceduri quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell dwar ir-registrazzjoni o meno tad-decizjoni moghtija mit-Tribunal tas-Sacra Rota, lkonvenut ghadu obbligat jaghddi lill-attrici l-manteniment lilha dovut skond sentenza tal-Qorti ta' l-Appell;

Gbaldaqstant l-attrici talbet lil-din il-Qorti:

1. tiddikjara liil-attrici kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' seba' mija u tmenin lira maltija (Lm780);

2. tawtorizza lill-attrici tizbanka mic-cedola fuq imsemmija l-kreditu taghha ammontanti komplessivament ghal seba' mija u tmenin lira maltija (Lm780).

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjonx.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 43 tal-process fejn eccepixxa:

Illi in segwitu ghall-annullament taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti kif

iddikjarata finalment mit-Tribunali Ekklezjastici fl-20 ta' Marzu 1998, u kif din id-Decizjoni ghandha tigi rikonoxxuta u tinghata l-effetti civili kollha mill-Qrati Civili ai termini tal-Att Numru I tal-1995, l-attrici m'ghadx ghandha jedd ghall-manteniment fil-konfront tal-eccipjent skond il-ligi u ghaldaqstant it-talbiet kollha taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici.

Llli minghajr l-ebda pregjudizzju ghall-fuq eccepit, kwalunkwe dewmien fir-registrazzjoni tad-Decizjoni dwar l-annullament taz-zwieg fuq riferit da parti tal-eccipjent skond kif inhu intitolat ghalih skond il-ligi huwa unikament attribwibbli lill-attrici illi ghazlet li topponi ruhha ghal tall registrazzjoni a bazi ta' ragunijiet illi huma manifestament frivoli u vessatorji u ghaldaqstant f'kull kaz dina l-Onorabbli Qorti ghandha fl-interessi tal-gustizzja tissoprasjedi milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici sakemm l-istess proceduri ghal tali registrazzjoni (Rikors Numru 18/981Z fl-ismijiet Joseph Bongailas -vs- Annunziata Bongailas nee' Spiteri et) illi ghadhom pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tai-Appell jigu finalment determinati.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-attrici qed titlob li dina l-Qorti : tiddikjara lill attrici li hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' Lm780 bhala arretrati ta' manteniment;

tawtorizza lill-attrici tizbanka mic-cedola ta' depozitu numru l-kreditu taghha ammontanti komplessivament ghall Lm780.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa: li l-attrici m'ghandha ebda jedd ghal manteniment in segwitu ghall-annulament taz-zwieg mis Sacra Rota bejn il-kontendenti moghti b'sentenza tal-20 ta' Marzu, 1998; kwalunkwe dewmien fir-registrazzjoni tad-decizjoni dwar l-annullament taz-zwieg fuq riferit huwa unikament attribwibbli lill-attrici li opponiet tali registrazzjoni.

**KONTESTAZZJONI**

L-attrici qed tissottometti li sakemm gew decizi l-proceduri quddiem l-Onorabbili Qorti ta' l-Appell dwar ir-registrazzjoni o meno tad-decizjoni moghtija mit-Tribunal tas-Sacra Rota, fil-5 ta' Dicembru, 2000 l-konvenut kien obbligat jghaddi lill-attrici l-manteniment lilha skond is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Mejju, 1996 fejn il-konvenut gie ikkundannat ihallasha s-somma ta' LM 130 fix-xahar. Is-somma mitluba ta' Lm780 tirrapprezenta arretrati ta' manteniment minn Lulju sa Dicembru, 1998.

Il-konvenut da parti tieghu qed jopponi tali talba billi fl-20 ta' Marzu, 1998 huwa kien ottjena decizjoni mit-Tribunal tas-Sacra Rota Romana li permezz taghha gie dikjarat null iz-zwieg bejnu u l-attrici u s-somma mitluba fic-citazzjoni bhala manteniment qed tigi mitluba ghal zmien li qieghed sussegwenti ghad-data tad-decizjoni tas-Sacra Rota.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kwistjoni kollha hi dwar meta ghandu jispicca l-obbligu tal-manteniment f'kaz fejn zwieg jigi dikjarat null u bla effett.

L-artikolu 20 tal-Kap 255 dwar Zwieg jipprovdi li:

**20.** (1) Jekk zwieg ikun dikjarat null l-effetti ta' zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu, favur il-mizzewgin sakemm is- sentenza ta' nullità tkun saret *res judicata* meta l-mizzewgin ikunu zzewgu *in bona fide.*

(2) L-effetti ta' zwieg validu jitqiesu li dejjem kienu jezistu ghal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwieldu jew koncepiti matul zwieg dikjarat null kif ukoll ghal dak li jirrigwarda tfal li jitwieldu qabel dak iz-zwieg u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tinghata s-sentenza ta' nullità.

(3) Jekk wahda biss mill-partijiet kienet *in bona fide* dawk l- effetti japplikaw favur taghha u favur l-ulied.

(4) Jekk ebda wahda mill-partijiet ma kienet *in bona fide* l-effetti ta' zwieg validu ghandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew koncepiti matul iz-zwieg dikjarat null.

(5) Minkejja kull disposizzjoni ohra, min mir-ragel jew il-mara jkun responsabbli ghan-nullità taz-zwieg, ikun obbligat ihallas manteniment lill-parti l-ohra li tkun *in bona fide* ghal perjodu ta' hames snin, liema obbligu jispicca jekk il-parti *in bona fede* tizzewweg matul dak iz-zmien.

L-artikolu 20(1) jiddisponi li meta zwieg jkun dikjarat null, l-effetti ta'

zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu favur il-mizzewgin, fosthom l-obbligu tal-manteniment. Dana sakemm is- sentenza ta' nullità tkun saret *res judicata* u meta l-mizzewgin ikunu zzewgu *in bona fide.* Dan is-subartikolu qed jippresupponi li l-mizzewgin ikunu t-tnejn *in bona fede*. Fil-kaz li wiehed biss hu *in bona fede*, japplika s-subartikolu (5) li ighid li min mir-ragel jew il-mara jkun responsabbli ghan-nullità taz-zwieg, ikun obbligat ihallas manteniment lill-parti l-ohra li tkun *in bona fede* ghal perjodu ta' hames snin, liema obbligu jispicca jekk il-parti *in bona fede* tizzewweg matul dak iz-zmien.

Il-kwistjoni ghalhekk f'dana l-kaz hija jekk s-sentenza tas-Sacra Rota saritx gudikat fl-20 ta' Marzu, 1998 kif qed jippretendi l-konvenut jew inkella fil-5 ta' Dicembru, 2000 cioe' meta giet registrata s-sentenza tas-Sacra Rota fil-Qorti ta' l-Appell kif qed tippretendi l-attrici.

Sentenza ssir *res judicata* meta dina tista' tigi reza ezegwibbli mill-parti. Sentenza tas-Sacra Rota mhiex ezegwibbli awtomatikament, imma trid tigi registrata mal-Qorti ta' l-Appell. Fil-fatt il-konvenut applika lill-Qorti ta' l-Appell biex is-sentenza li kien ottjena mis-Sacra Rota tigi registrata u reza ezegwibbli. Qabel il-5 ta' Dicembru, 2000 il-konvenut ma setghax jezegwixxi dina s-sentenza, konsegwentement l-obbligu tieghu li jghaddi l-manteniment lill attrici skond is-sentenza ta' l-Appell tat-28 ta' Mejju, 1996 kienet ghada torbot. Sentenza tas-Sacra Rota li mhiex registrata mal-Qorti ta' l-Appell ma tipproduciex l-effetti civili previsti fil-Kap 16.

Din l-interpretazzjoni hi konfermata mill-artikolu 23 tal-Kap 255 li jsemmi li decizjoni ta' tribunal li tkun saret ezekuttiva, li tiddikjara n-nullita' ta' zwieg Kattoliku ghandha tigi rikonoxxuta u mar registrazzjoni taghha jkollha effett daqs li kieku kienet decizjoni minn Qorti u li tkun saret *res judicata*.

Hu wkoll wara r-registrazzjoni tas-sentenza mal-Qorti ta' l-Appell li dak li hemm provdut fis-subartikolu 5 ta' l-artikolu 20 Kap 255 li jibda japplika. L-azzjoni ta' l-attrici bdiet qabel il-5 ta' Dicembru 2000 ghalhekk is-subinciz (5) ma japplikax kontriha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**